



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

28.4.2010

B7-0245/2010

## **MOZZJONI GĦAL**

## **RIŻOLUZZJONI**

impressqa wara l-mistoqsijiet b'talba għal tweġiba orali 0 0047/2010 [ECON] u 0-0044/2010 [IMCO]

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ir-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tal-vetturi bil-mutur

**Sharon Bowles**

f'isem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

RE\814571MT.doc

PE439.766v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tal-vetturi bil-mutur**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 101(1) u (3), l-Artikolu 103(1) u l-Artikolu 105(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem 'TFUE'),
- wara li kkunsidra r-Regolament Nru 19/65/KEE tal-Kunsill tat-2 ta' Marzu 1965 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehim u prattiċi miftiehma<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/1999 tal-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma<sup>3</sup> (ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija tal-ftehimiet vertikali ġenerali, minn hawn 'il quddiem il-'GBER attwali'),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur<sup>4</sup> (ir-regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija tal-vetturi bil-mutur, minn hawn 'il quddiem l-'MVBBER attwali'),
- wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief tal-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi<sup>5</sup>; u r-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi<sup>6</sup>,
- wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat lil kategoriji ta' ftehimiet vertikali u prattiki miftiehma (ir-regolament il-ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija tal-ftehimiet vertikali ġenerali, minn hawn 'il

---

1 ĠU 36, 6.3.1965, p. 533.

2 ĠU L 382, 31.12.1986, p. 17.

3 ĠU L 336, 29.12.1999, p. 21.

4 ĠU L 203, 1.8.2002, p. 30.

5 ĠU L 171, 29.6.2007, p.1.

6 ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1.

quddiem il-'GBER il-ġdid'), ippubblikat fit-28 ta' Lulju għal konsultazzjoni fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,

- wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat lil kategoriji ta' ftehimiet vertikali u prattiki miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur (ir-regolament il-ġdid ta' eżenzjoni ta' kategorija tal-vetturi bil-mutur, minn hawn 'il quddiem l-'MVBBER attwali'), ippubblikat fil-21 ta' Diċembru għal konsultazzjoni fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni – Linji gwida fuq trażżin vertikali<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra l-opuskuolu spjegattiv tal-Kummissjoni dwar id-distribuzzjoni u l-manutenzjoni tal-vetturi bil-mutur fl-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-avviż tal-Kummissjoni – Linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(2) tat-Trattat<sup>2</sup>,
- wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Avviż tal-Kummissjoni – Linji gwida fuq trażżin vertikali, ippubblikat fit-28 ta' Lulju 2009 għal konsultazzjoni fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Avviż tal-Kummissjoni – Linji gwida supplimentari dwar restrizzjonijiet vertikali fi ftehimiet dwar il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u d-distribuzzjoni ta' partijiet tal-bdil għal vetturi bil-mutur, ippubblikat fil-21 ta' Diċembru 2009 għal konsultazzjoni fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-25 ta' Ġunju 2008 bit-titolu 'Aħseb l-Ewwel fiż-Żgħir – Att dwar in-Negożji ż-Żgħar għall-Ewropa' (COM(2008)394),
- wara li kkunsidra r-"Rapport tal-Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament (KE) Nru 1400/2002 dwar id-distribuzzjoni u s-servizzi tal-vetturi bil-mutur' u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawh, ippubblikat f'Mejju 2009 fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni (minn hawn 'il quddiem ir-'rapport tal-evalwazzjoni'),
- wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2009 dwar 'Il-Qafas Ġejjieni tal-Liġi tal-Kompetizzjoni applikabbli għas-settur tal-vetturi bil-mutur' (COM(2009)388) u d-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjawha,
- wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: Il-Qafas Ġejjieni tal-Liġi tal-Kompetizzjoni applikabbli għas-settur tal-vetturi bil-mutur (INT/507 – CESE 444/2010),
- wara li kkunsidra l-kontributi mid-diversi partijiet interessati mibgħuta lill-Kummissjoni matul il-perjodi ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u ppubblikati fuq is-sit tal-Internet tal-Kummissjoni, kif ukoll il-pożizzjonijiet espressi mill-partijiet interessati matul il-laqgħa konġunta tal-Kumitati ECON u IMCO fid-19 ta' Ottubru 2009 u l-workshop tal-Kumitat ECON tat-12 ta' April 2010, it-tnejn li huma dwar l-MVBBER,

1 ĠU C 291, 13.10.2000, p. 1.

2 ĠU C 101, 27.4.2004, p. 97.

- wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tat-30 ta' Mejju 2002 dwar l-abbozz ta' Regolament tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat lil kategoriji ta' ftehimiet vertikali u prattiki miftiehma fl-industrija tal-vetturi bil-mutur (2002/2046(INI))<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Jannar 2008 dwar CARS 21: Qafas Regulatorju Kompetittiv tal-Karozzi (2007/2120(INI))<sup>2</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Marzu 2009 dwar il-futur tal-industrija tal-karozzi<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2010 dwar ir-Rapport dwar il-Politika dwar il-Kompetizzjoni 2008 (2009/2173(INI))<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-ftehimiet ta' distribuzzjoni huma regolamentati fuq livell tal-UE permezz ta' żewġ oqfsa ġuridiċi separati, jiġifieri, fuq naħa, Direttiva li tipprevedi l-koordinament tal-liġijiet nazzjonali fir-rigward tal-ftehimiet ta' rappreżentanza kummerċjali (Direttiva 86/653/KEE, l-hekk imsejħa Direttiva dwar l-aġenzija kummerċjali), u min-naħa l-oħra, iż-żewġ regolamenti ta' eżenzjoni ta' kategorija fil-kuntest tal-liġi tal-kompetizzjoni għal dak li għandu x'jaqsam mal-ftehimiet vertikali ta' distribuzzjoni (il-GBER u l-MVBER attwali),
- B. billi fl-1999 il-Kummissjoni ddefiniet fil-GBER attwali kategorija ta' ftehimiet vertikali li tqis li normalment tissodisfa l-kundizzjonijiet għal eżenzjoni stabbiliti fl-Artikolu 101(3) TFUE mill-projbizzjoni tal-klawżoli u tal-prattiki antikompetittivi,
- C. billi s-settur tal-vetturi bil-mutur ilu suġġett għal qafas ta' regolamentazzjoni speċifiku relatat mal-kompetizzjoni min-nofs is-snin tmenin,
- D. billi fl-2002 il-Kummissjoni qieset li s-settur tal-vetturi bil-mutur ma għandux jiddaħħal fis-sistema tal-GBER attwali, peress li kienu għadhom jinħtieġu provvedimenti speċifiċi biex jindirizzaw problemi partikolari marbuta mal-kompetizzjoni identifikati minnha f'dan is-settur, jiġifieri sitwazzjoni oligopolistika fis-suq tal-karozzi Ewropew; billi sa dak iż-żmien il-Kummissjoni kienet imħassba bil-fatt li l-kompetizzjoni bejn il-manufatturi tal-karozzi kienet baxxa,
- E. billi l-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li tadotta regoli aktar rigorużi għall-MVBER attwali għal dan is-settur, partikolarment limiti speċifiċi tas-sehem fis-suq u restrizzjonijiet u kundizzjonijiet fundamentali ulterjuri,
- F. billi l-ambitu ta' applikazzjoni tal-MVBER attwali jħaddan tlett iswieq ta' produzzjoni differenti: (a) vetturi bil-mutur ġodda (suq primarju); (b) partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur (suq ta' wara l-bejgħ); u (c) servizzi ta' tiswija u manutenzjoni (suq ta' wara l-

1 ĠU C 187 E, 7.8.2003, p. 24.

2 Testi adottati, P6\_TA(2008)0007.

3 Testi adottati, P6\_TA(2009)0186.

4 Testi adottati, P7\_TA-PROV(2010)0050.

bejgħ); billi fost il-vetturi bil-mutur insibu kemm il-karozzi tal-passiġġieri kif ukoll vetturi kummerċjali,

- G. billi kemm il-GBER kif ukoll l-MVBER attwali se jiskadu fil-31 ta' Mejju 2010; billi l-Kummissjoni nediet il-proċess ta' eżaminar mill-ġdid taż-żewġ regolamenti u tal-linji gwida li jakkumpanjawhom,
- H. billi issa l-Kummissjoni tqis li s-swieq tal-bejgħ tal-vetturi bil-mutur ġodda huma kompetittivi ħafna u li l-livelli ta' konċentrazzjoni qegħdin jonqsu; billi l-Kummissjoni tqis ukoll li l-ostakli għad-dħul huma baxxi f'dan is-suq u li ġie reġistrat tkabbir b'ritmu mgħaġġel ta' dħul ta' parteċipanti ġodda mill-Asja tal-Lvant iġġenerat minn prezzijiet aggressivi,
- I. billi l-Kummissjoni tosserva li, b'konsegwenza ta' dan, il-prezzijiet bl-imnut tal-karozzi tal-passiġġieri qegħdin jogħlew; billi, bil-kuntrarju ta' dan, il-Kummissjoni tosserva li l-kompetizzjoni fis-swieq tat-tiswija u manutenzjoni għadha limitata ħafna u li l-prezzijiet huma ferm għoljin għal ċerti tipi ta' partijiet tal-bdil,
- J. billi l-Kummissjoni tipproponi li eżenzjoni speċifika ta' kategorija għax-xiri u l-bejgħ ta' vetturi bil-mutur ġodda (suq primarju) m'għadhiex meħtieġa u li l-GBER il-ġdid se japplika għas-suq primarju wara perjodu ta' proroga ta' 3 snin; filwaqt li sal-31 ta' Mejju 2013, l-MVBER attwali se jibqa' japplika għas-suq primarju,
- K. billi l-Kummissjoni tipproponi wkoll l-adozzjoni ta' linji gwida speċifiċi għall-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li japplikaw għas-settur tal-vetturi bil-mutur, kemm għas-suq primarju kif ukoll għal dak ta' wara l-bejgħ,
- L. billi, għas-suq ta' wara l-bejgħ (partijiet tal-bdil għall-vetturi bil-mutur, servizzi ta' tiswija u manutenzjoni), il-Kummissjoni tipproponi l-adozzjoni ta' regolament speċjali ta' eżenzjoni ta' kategorija, l-MVBER il-ġdid,
- M. billi ma jistax jinċaħad il-fatt li l-maġġoranza kbira tal-impriżi fil-kummerċ u fit-tiswija tal-karozzi espremiet it-tħassib serju tagħha dwar riskju ta' sospensjoni temporanja jew proroga għal perjodu qasir tal-MVBER attwali, billi dan ikun jissarraf f'deterjorament ulterjuri tal-bilanċ tal-poteri bejn il-manufatturi u l-bqija tal-katina tal-valur fis-settur tal-karozzi u se jibbenefikaw biss grupp ċkejken ta' manufatturi kbar ta' vetturi,
- N. billi bosta rappreżentanti tas-suq tal-partijiet tal-bdil tal-vetturi u tas-settur tat-tiswija u manutenzjoni esprimew l-appoġġ tagħhom favur ġabra ġdida ta' regoli għas-suq ta' wara l-bejgħ bħala pass 'il quddiem importanti meta mqabbel mal-MVBER attwali,
- O. billi s-suq primarju u s-suq ta' wara l-bejgħ mhumiex reċiprokament esklussivi u l-vijabilità kummerċjali ta' ħafna bejjiegħa indipendenti tiddependi kemm fuq il-flessibilità tagħhom li jbigħu kif ukoll li jsewwu l-vetturi,
- P. billi l-UE attwalment qiegħda tħabbat wiċċha ma' kriżi finanzjarja u ekonomika u rati tal-qgħad għoljin liema bħalhom; billi l-UE għandha tippromwovi ekonomija soċjali tas-suq kompetittiva u timmira li tnaqqas il-faqar; billi l-industrija tal-karozzi Ewropea tirrorpreżenta settur fundamentali tal-ekonomija Ewropea peress li tikkontribwixxi għall-

impjiegħi, l-innovazzjoni u l-kompetittività tal-ekonomija kollha kemm hi; billi din l-industrija ntliaqtet b'mod partikolari mill-kriżi attwali u rċeviet sostenn mill-interventi Statali f'bosta Stati Membri,

- Q. billi d-dispożizzjonijiet relatati mal-bejgħ ta' bosta marki (multi-branding) japplikaw għad-distribuzzjoni tal-bejgħ fl-istess stabbiliment, f'vetrini separati fl-istess żona jew fi stabbilimenti separati,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Kummissjoni fetħet bosta konsultazzjonijiet pubbliċi fir-rigward tal-eżaminar mill-ġdid tal-MVBER u tal-GBER; japprezza li l-Kummissjoni ppreżentat lill-Parlament ir-rapport tal-evalwazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-MVBER attwali;
  2. Ihegġegħ lill-Kummissjoni biex taħdem b'mod proattiv fi spirtu ta' ftuħ u trasparenza mal-Parlament u biex tinforma u tibgħat dokumenti leġiżlattivi, prelegiżlattivi u mhux leġiżlattivi lill-Parlament f'fażi bikrija, kif aċċerta l-Kummissarju Almunia matul is-seduta ta' smiġħ tiegħu bħala Kummissarju nominat;
  3. Jenfasizza li approċċ bħal dan għandu jippermetti dibattitu fil-fond fost il-Membri Parlamentari u jsaħħaħ il-leġittimità demokratika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni;
  4. Jistieden lill-Kummissjoni tispeċifika biċ-ċar liema kontributi tal-partijiet interessati, f'każ li hemm, bishiebha tinkorpora fir-regolament finali bil-għan li tiggarrantixxi abbozzar trasparenti tal-MVBER u tal-GBER finali;
  5. Jisħaq fuq il-fatt li jeħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġenerali biex l-industrija tal-vetturi bil-mutur fl-UE, inklużi kemm il-manufatturi ta' vetturi kif ukoll il-produtturi tal-partijiet tal-vetturi, issir sostenibbli u tkun tista' tibqa' ekonomikament effiċjenti u minn ta' quddiem nett f'dik li hija innovazzjoni teknoloġika, ekoloġika u soċjali; jenfasizza l-importanza li jinstab bilanċ bejn ir-rekwiżi marbuta mal-kompetizzjoni u l-proprjetà intellettuali, kemm fis-suq intern kif ukoll ma' pajjiżi terzi;
  6. Jemmen li l-MVBER il-ġdid għandu jitqies bħala biċċa minn approċċ integrat għal-leġiżlazzjoni fis-settur tal-vetturi bil-mutur;
  7. Ifakkar fl-importanza taċ-ċertezza ġuridika; jistieden għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tabbozza dokument ta' Mistoqsijiet Komuni jew Opuskolu Spjegattiv li jispjegaw f'aktar dettall lill-atturi fis-suq il-qafas leġiżlattiv il-ġdid;
  8. Jiġded l-attenzjoni għall-fatt li r-relazzjoni bejn il-manufatturi, fuq naħa, u l-bejjiegħa, il-fornituri ta' servizzi u l-atturi ekonomiċi rilevanti l-oħra fil-katina tal-provvista fis-settur tal-karozzi, min-naħa l-oħra, għandha tiġi analizzata bir-reqqa u jittieħed f'kunsiderazzjoni l-poter ekonomiku mhux indaqs tagħhom bħala msieħba kummerċjali;
  9. Jisħaq fuq il-fatt li teżisti ħtieġa li lill-atturi żgħar u ta' daqs medju fil-katina tal-provvista fis-settur tal-karozzi jiġihom garantit il-fatt li jgawdu minn kundizzjonijiet favorevoli; jenfasizza l-importanza li jiġi adottat qafas sod ta' regolamentazzjoni kapaċi li jipprevjeni b'mod effikaċi kwalunkwe abbuż ta' kwalunkwe pożizzjoni dominanti u jiggarrantixxi li ma jkunx hemm żieda fid-dipendenza tal-SMEs fil-konfront tal-manufatturi l-kbar; ifakkar

fl-importanza tal-SMEs bħala atturi li jagħtu x-xogħol, partikolarment f'mument ta' kriżi ekonomika, u bħala fornituri ta' prossimità u jirrispondu għall-esiġenzi tal-popolazzjoni, anki f'żoni b'popolazzjoni skarsa;

10. Mhuwix favur it-tneħħija ta' ċerti kundizzjonijiet imposti mill-MVBER attwali għall-eżenzjoni ta' ftehim, jiġifieri klawżoli kuntrattwali dwar il-bejgħ ta' bosta marki, avvizz ta' terminazzjoni, tul ta' żmien, arbitraġġ ta' tilwim, litigazzjoni u trasferimenti tan-negozju fi ħdan in-netwerk; ifakkar, b'mod partikolari, li l-ħtieġa ta' semplifikazzjoni tal-kundizzjonijiet għat-trasferimenti tan-negozju tiffirma parti mill-ewwel prinċipju tal-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar; jiġded l-attenzjoni għar-riskju rappreżentat mill-obbligu ta' mmarkar uniku għall-għażla tal-konsumatur u l-indipendenza tal-bejjieġh fil-konfront tal-manufatturi; jibża' li dawn il-klawżoli aktarx isiru suġġetti għal liġijiet nazzjonali differenti dwar il-kuntratti;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiggarrantixxi li d-distributuri, inklużi dawk mis-settur tal-vetturi bil-mutur, jibbenefikaw mill-istess livell ta' protezzjoni kuntrattwali fl-UE kollha hekk kif attwalment jibbenefikaw l-aġenti kummerċjali; jemmen li dan l-allinjament jista' jintlaħaq bl-emenda tad-Direttiva 86/653/KEE u parzjalment permezz tat-twessigħ tal-ambitu ta' applikazzjoni biex jinkludi l-ftehimiet ta' distribuzzjoni;
12. Jenfasizza li huwa importanti, partikolarment fi żminijiet ta' diffikultà ekonomika, li jitħallew alternattivi kummerċjali konkreti għall-pussess, bħall-kiri, biex l-eżiġenzi ta' mobilità tal-individwi jkunu sodisfatti; iħeġġeġ, għaldaqstant, lill-Kummissjoni biex tiggarrantixxi li l-MVBER u l-GBER il-ġodda jistipulaw il-kundizzjonijiet meħtieġa, bħad-definizzjoni ta' utent finali, sabiex it-tali alternattivi kummerċjali jiżviluppaw u jikkontrobwixxu għal kompetizzjoni tajba fis-suq tal-karozzi;
13. Mhuwix favur Kodiċi ta' Kondotta mhux vinkolanti li jstabilixxi obbligi reċiproċi bejn bejjieġha konċessjonarji u l-fornituri tagħhom billi ma tkunx effikaċi biex tħares l-interessi tal-bejjieġha fil-konfront tal-manufatturi; kwalunkwe Kodiċi ta' Kondotta għandu jkun akkumpanjat minn mekkaniżmu ta' infurzar xieraq, jiġifieri r-rikors għal proċedura ta' arbitraġġ adegwata;
14. Jibża' li l-objettiv tal-Kummissjoni li tkompli tippromwovi kompetizzjoni effikaċi fis-suq ta' wara l-bejgħ tas-settur tal-vetturi bil-mutur billi tindirizza l-għażla tal-konsumatur u permezz ta' aċċess effikaċi għall-operaturi indipendenti tas-suq ma jkunx jista' jintlaħaq permezz ta' din ir-riforma; jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet kompetittivi fis-suq ta' wara l-bejgħ tas-settur tal-vetturi bil-mutur għandhom ukoll konsegwenza diretta fuq is-sikurezza pubblika;
15. Jistieden lill-Kummissjoni iżomm il-limitu tat-30% għall-obbligu tax-xiri tal-partijiet tal-bdil (spare parts), bil-għan li tinżamm il-libertà tas-sewwejja awtorizzati li jixtru partijiet tal-bdil minn sorsi li mhumiex il-manufattur tal-vetturi u għalhekk tiġi evitata sitwazzjoni fejn nerġġhu lura għall-provvista vinkolata (captive) li tgħolli l-prezzijiet tal-partijiet tal-bdil u tnaqqis l-attività ta' fornituri oħra tal-partijiet tal-bdil;
16. Jisħaq fuq il-fatt li l-konsumaturi Ewropej kif ukoll utenti finali oħra ma għandhomx iħabbtu wiċċhom ma' ostakli fix-xiri ta' karozza bi prezzijiet kompetittivi, anki fi kwantitajiet kbar u indipendentement mis-sistema ta' distribuzzjoni magħżula mill-

fornitur, u jkunu jistgħu jagħżlu fejn u kif isiru t-tiswija u l-manutenzjoni;

17. Ifakkar, f'dan il-kuntest, fl-appelli ripetuti tal-Parlament favur vetturi ekoloġiċi u fid-dikjarazzjonijiet mill-President tal-Kummissjoni dwar ekonomija li tirrispetta l-ambjent; jemmen li l-immarkar multiplu kif ukoll l-aċċess faċli għas-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni jgħinu biex jintlaħaq l-oġettiv ta' vetturi b'emissjonijiet aktar baxxi permezz ta' tqabbil faċli ta' vetturi fil-mument ta' xiri ta' karozza u ta' vetturi li jaħdmu b'mod adegwat; itenni t-talba tiegħu għal investigazzjoni tal-effikaċja tal-għajnuna mill-Istat mogħtija lis-settur tal-vetturi bil-mutur għal 'irkupru li jirrispetta l-ambjent';
18. Jinsab imħasseb li l-linji gwida proposti mill-Kummissjoni għas-settur tal-vetturi bil-mutur mhumiex biżżejjed preċiżi biex jiggwarantixxu li l-informazzjoni teknika tkun disponibbli għall-bejgiegħa indipendenti fl-istess format komprensiv kif previst fir-Regolament (KE) Nru 715/2007 u fir-Regolament (KE) Nru 595/2009; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni taġġorna d-definizzjoni ta' informazzjoni teknika abbażi tal-progress teknoloġiku u tiggwarantixxi aċċess kontinwu għal servizzi aġġornati u data tal-partijiet f'formati elettroniċi aċċessibbli faċilment;
19. Jistieden lill-Kummissjoni tapplika r-regoli l-ġodda marbuta mas-suq ta' wara l-bejgħ mill-1 ta' Ġunju 2010, indipendentement mis-soluzzjonijiet li għandhom jiġu adottati fir-rigward tal-bejgħ ta' vetturi ġodda;
20. Jistieden lill-Kummissjoni tittratta forom ġodda ta' miżuri kontra l-kompetizzjoni li jorbtu lill-klijenti pereżempju kwalunwe tip ta' servizz ta' wara l-bejgħ li jkun subordinat għat-tiswija jew manutenzjoni esklussiva ta' vetturi fin-netwerk speċifiku tal-marka;
21. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-operat tal-qafas ġuridiku l-ġdid għas-settur tal-karozzi fuq bażi regolari; iħeġġeġ partikolarment lill-Kummissjoni terġa' twettaq valutazzjoni bir-reqqa tal-kundizzjonijiet marbuta mal-kompetizzjoni fis-suq primarju tal-vetturi bil-mutur qabel it-tmien tal-perjodu ta' proroga, b'attenzjoni fuq l-impatt ta' ċerti klawżoli kuntrattwali bħall-immarkar multiplu, it-trasferimenti tan-negożju u l-limitu għall-partijiet tal-bdil, kif ukoll fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Kondotta propost; f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tħalli l-għażliet ta' regolamentazzjoni kollha miftuħa u biex tiegħu miżuri xierqa, fosthom proroga ġdida ta' parti tal-MVBER jew reviżjonijiet tal-GBER, f'każ li jkun jidher li l-kundizzjonijiet kompetittivi partikolarment fis-suq primarju marru konsiderevolment għall-agħar;
22. Jisħaq fuq il-fatt li l-Parlament għandu jkun infurmat mill-Kummissjoni bi kwalunkwe adattament tal-qafas ġuridiku l-ġdid li hija aktarx tipprevedi tadotta bħala konsegwenza tas-sorveljanza tagħha tas-suq u li l-Parlament għandu jiġi kkonsultat mingħajr dewmien qabel ma tittieħed deċiżjoni bħal din;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.